MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 928/2004/1

**Peter Sammut**

**v.**

**Sullivan Maritime Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tat-30 ta' Novembru, 2004, u li taqra hekk

"Peress illi l-attur kien xtara vettura tal-ghamla vann 'Ford Transit' di seconda mano, vettura tal-ghamla vann 'Ford Escort' di seconda mano u magna tal-'Ford' u xi 'spare parts' ohra minghand Philip Mizzi ili jiggestixxi s-socjeta' 'Arandale Motor Company' f'Cheshire, l-Ingilterra;

"Peress illi l-attur kien xtara dawn il-vetturi u 'parts' bil-prezz komplessiv ta' sebat elef, seba' mija u hamsin lira Sterlina u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Doks. 'A' u 'B';

"Peress illi l-attur xtara dawn il-vetturi u 'parts' bl-iskop illi jbieghhom lil terzi f'Malta;

"Peress illi l-attur regolarment jaghmel dan it-tip ta' negozju;

"Peress illi l-attur inkariga lis-socjeta' konvenuta sabiex titrasporta dawn il-vetturi u 'parts' mill-Ingilterra lejn Malta u s-socjeta' konvenuta kienet accettat dan l-inkarigu;

"Peress illi minkejja illi s-socjeta' konvenuta f'diversi okkazzjonijiet gharfet lill-konvenut illi dawn il-vetturi u 'parts' kienu waslu Malta, fir-realta' pero' dawn il-vetturi u 'parts' baqghu qatt ma waslu f'pajjizna, u dan minkejja t-trapass ta' diversi xhur mid-data meta l-attur kien inkariga lis-socjeta' konvenuta sabiex titrasportahom mill-Ingilterra lejn pajjizna;

"Peress illi b'rizultat ta' dan il-fatt l-attur sofra danni ingenti konsistenti kemm fil-prezz minnu mhallas ghax-xiri u l-akkwist tal-imsemmija vetturi u 'parts' fis-somma ta' sebat elef, seba' mija u hamsin lira Sterlina, kif fuq imsemmi, u kif ukoll f'telf ta' qligh mill-bejgh tal-imsemmija vetturi u 'parts';

“Peress illi effettivament l-attur diga kellu ftehim ghall-bejgh tal-vann tal-ghamla ‘Ford Transit’ lil certu Raymond Vella, kellu ftehim ghall-bejgh tal-vann tal-ghamla ‘Ford Escort’ lil certu Paul Ciantar u ftehim ghall-bejgh tal-magna tal-‘Ford’ lil certu Jean Paul Cortis;

“Peress illi l-attur interpella lis-socjeta’ konvenuta biex tersaq ghall-hlas tad-danni minnu sofferti izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

“Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. “prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli versu l-attur ghall-hlas ta’ dawk id-danni sofferti mill-istess attur kif fuq imfisser;

2. “tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur kif fuq premess; u

3. “tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur dik is-somma in linea ta’ danni kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;

“Bl-ispejjez kolllha u bl-imghax legali mit-8 ta’ Novembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu peress illli s-socjeta’ konvenuta esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur, stante illi hija qatt ma agixxiet f’isimha propju izda ghan-nom u bhala agent lokali ta’ Atlantica S.p.A. di Navigazione ta’ Via M. Campodisola 13-80133, Napoli, Italia, ghaldaqstant l-esponenti kif citata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Illi in subsiddju u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-esponenti mhix responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

"3. Illi in subsiddju u minghajr pregudizzju ghall-premess illi anke li kienu l-esponenti kellha tinzamm responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur, ghandha tinzamm responsabbli biss skond il-limitazzjonijiet ta' responsabbilita kif stipulata fil-kuntratt ta' garr miftiehem bejn iz-zewg partijiet, u cioe' il-bill of lading, li jirregola t-trasport ta' din il-merkanzija;

"4. Illi in subsiddju u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi it-talbiet tal-attur huma preskritti bit-terminu annwali tal-Hague Rules u tal-Inciz 6 Artikolu 111 tal-Iskeda tal-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar (Kapitolu 140);

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra;"

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru, 2010, li in forza taghha laqghet ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, u cahdet it-talbiet kollha attrici peress illi huma preskritti, bl-ispejjez kontra l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi xehed l-attur Peter Sammut u qal illi huwa kellu negozju ma certu Philip Mizzi illi kellu l-istabbiliment Arandale Motor Company f'Cheshire l-Ingilterra, u f'okkazzjoni minnhom kien ordna van Ford Transit second hand, vettura Ford Escort second hand kif ukoll xi spare parts, inkuz magna diesel. Huwa kien ordna dawn il-vanijiet u l-ispare parts u il-magna ghall-klijenti illi kellu u kellu bzonn ta' l-ispare parts urgentement sabiex jahdem bihom fix-xoghol tieghu

ta’ mekkanik. Peter Sammut kompla jixhed illi kellu ftehim mal-klijenti tieghu illi l-vetturi kellhom ikunu f’idejhom gimghatejn mid-data tal-konferma tal-ordni, izda peress illi l-vetturi qatt ma waslu Malta il-klijenti ma kienux sodisfatti, anzi kienu urtati ferm. L-attur xehed illi in-negozju kien isir billi icempel lil Philip Mizzi l-Ingilterra, jghidlu x’ghandu bzonn, huwa jghidlu x’kellu u f’liema kundizzjoni jinsabu, jilhqu ftehim, u Mizzi inizzel il-vetturi Southampton, fejn kienu jigu registrati ix-xatt u is-socjeta’ Jaymar Freight Services Limited kienu jiehdu hsieb jghabbu il-vetturi fuq il-vapur lejn Salerno, l-Italja. L-attur xehed illi Jaymar Freight Services dejjem kienu jinfurmawh meta il-vetturi kienu jitghabbew, u f’dan il-kaz hekk gara. Sussegwentement Jaymar Freight Services kienu jinfurmawhom b’dokument li kien jintbaghat bil-posta. Peter Sammut xehed illi is-shipping agent taghom kienet is-socjeta’ Sullivan Maritime Limited. Hu kien jaghmel l-ordni ghas-shipping maghhom u Sullivan Maritime Limited kienu jgharrfuh meta il-merkanzija kienet tkun ser tasal Malta. F’dan il-kaz partikolari, ix-xhud ftakar li kienu ircevew l-ittra li l-merkanzija kienet tghabbiet mill-port ta’ Southampton l-Ingilterra u kienu wkoll ircevew delivery note minghand is-socjeta’ konvenuta. Huwa xehed illi meta kienu jircievu l-avviz mill-Inghilterra u x-xoghol ikun tghabba fuq il-vapur hu mill-ewwel kien javza lis-socjeta’ konvenuta, imur l-ufficju taghhom, ihalli open cheque mas-Sur Manuel Portelli biex ikopri l-ispejjez tax-shipping u Manuel Portelli kien jaghti jew lilu jew inkella lil huh John Sammut id-dokumenti biex ikunu jistghu johorgu il-vetturi mid-Dwana. Huma kienu juru dan id-dokument l-Ufficju tad-Dwana u jiehdu il-merkanzija.

“Ix-xhud qal illi huwa kien hadem diversi drabi mas-socjeta’ konvenuta illi kienet twassallu merkanzija bil-bahar u il-prassi dejjem kienet tkun l-istess. L-attur xehed illi l-vetturi kellhom jinzlu Malta mal-vapur Eurostar Valencia li kellu jasal Malta fit-28 ta’ Novembru 2003. Dakinhar kien nizel ix-xatt, izda il-vetturi ma kienux instabu fuq il-vapur u ghalhekk mal-ewwel kien informa lil Manuel Portelli li kien qallu biex jiccekkja fuq il-vapur. Hu kien ghamel hekk izda il-vetturi ma kienux hemm. Kien anke iccekkja fix-sheds, izda lanqas hemmhekk ma kienu. Ix-xhud qal illi kien rega kellem lil Manuel Portelli billi mar personalment l-ufficju tieghu, Portelli kien cempel l-Italja quddiemu stess. Portelli kien tkellem bit-Taljan u ix-xhud ma jifhimx b’dik il-lingwa, izda Portelli spjegalu li kienu infurmawh li l-vetturi ma kienux tghabbew minn Salerno izda baqghu fuq ix-xatt, u kien assigurah illi l-merkanzija kellha tasal mal-vapur li jmiss il-gimgha ta’ wara, ghaliex ma kienitx tghabbiet bi zball. Peter Sammut kompla jixhed illi huwa kellu isiefer l-Ingilterra minhabba ragunijiet ta’ sahha u dam hemmhekk madwar xahrejn u nofs, izda kien halla kollox f’idejn huh John Sammut, li kien qallu illi l-vetturi baqghu qatt ma waslu Malta. Huh kien qallu li kien jiccekkja ix-xatt kull gimgha, izda il-vetturi qatt ma wasslu. F’okkazzjoni minnhom, ix-xhud xehed illi Manuel Portelli kien qallu li l-vetturi kien rahom il-

lock up tad-Dwana f’Tunez u darba ohra kien qallu li l-vetturi kienu tghabbew fuq xi vapur iehor bi zball. Sussegwentement, impjegat tas-socjeta’ konvenuta kien qal lil huh illi hu u l-attur kien jaqblilhom jibghatu ittra b’avukat, u hekk kienu ghamlu. Is-socjeta’ konvenuta ma kienitx cahdet illi kellhom ihallsu id-danni, izda il-kumpens li kienet offriet li thallas ma kienitx accettabbli ghall-attur illi ghalhekk istitwixxa din il-kawza.

“Illi xehed ukoll John Sammut u qal illi jahdem ma huh, l-attur Peter Sammut. Huwa ikkonferma id-dikjarazzjoni guramentata illi hemm mac-citazzjoni, kif ukoll l-affidavit ta’ Peter Sammut, u zied ighid illi kull nhar ta’ Gimgha kien jinzel ix-xatt jistenna il-vapur diehel bil-merkanzija, peress illi Manuel Portelli li kien jahdem mas-socjeta’ konvenuta, kien icempillu u jinfurmah illi l-merkanzija kienet ser tasal, izda dejjem kien imur ghalxejn ghaliex il-vetturi baqghu qatt ma gew Malta. Huwa xehed illi baqa’ jippressa lil Manuel Portelli u Manuel Portelli stess issuggerhielu li jibghat ittra bl-avukat ghaliex ma kienx jaf x’gara mill-vetturi u mill-ispare parts.

“Illi xehed Raymond Vella u qal illi huwa kien klijent ta’ l-attur u illi kien ordna van tal-ghamla transit minghand l-attur. Huwa xehed illi l-van kellu jasal sal-ahhar tas-sena 2003, izda minkejja il-fatt li kien avvicina lil Peter Sammut u lil huh John Sammut peress illi kellu bzonn il-van urgentement, Peter Sammut kien ighidlu li kien qieghed jikkuntattja lil Sullivan Maritime Limited, is-socjeta’ li kellha iggiblu l-van minn barra minn Malta. Ghall-habta ta’ Frar 2004, Peter Sammut kien qallu li ta’ Sullivan kien infurmah li l-vannijiet kienu insterqu mill-Italja u ghalhekk il-van tieghu ma kienx ser jasal Malta.

“Illi xehed Paul Ciantar u qal illi l-attur huwa il-mekkanik tal-fiducja tieghu. Huwa xehed illi ghall-habta ta’ Ottubru, Novembru 2003 kien avvicina lill-attur u talbu igiblu van tal-ghamla Ford Escort minn barra mill-aktar fis possibli. Kien ftiehem mal-attur li l-van kellu jasal mhux aktar tard mill-ahhar ta’ Novembru, bidu ta’ Dicembru 2003. L-attur ghalhekk kien ordnalu l-van u ftehmu fuq il-prezz. Paul Ciantar xehed illi darba minnhom l-attur kien cempel lil certu Manuel illi jahdem mas-Sullivan Maritime Limited quddiemu stess, u dan kien gablu xi skuza dwar il-van. Darba ohra, ix-xhud kellem lil Peter Sammut dwar il-van, dan kien iccekkjalu u qallu illi ta’ Sullivan gieli kienu jghidulu mod u gieli kienu jghidulu mod iehor, izda il-van illi hu kien ordna baqa’ qatt ma wasal Malta. Ix-xhud qal illi dam jistenna madwar erba’ xhur, izda il-van ma wasal qatt u ghalhekk baqa ma xtrahx.

“Illi l-attur esebixxa dokumenti fis-sens illi huwa effettivament kien ftiehem mas-socjeta’ Arandale Motor Company ta’ l-Inghilterra fis-sens illi kellu jixtri minghand din is-socjeta’ estera Van Ford Transit u Van Escort Diesel. L-attur esebixxa ukoll il-bill of lading relattiv, in-notice of arrival tal-merkanzija ordnata mill-attur, kif ukoll fax message mibghut mis-socjeta’ Sullivan Maritime Limited datata 10 ta’ Dicembru 2003, fis-sens illi l-merkanzija kienet thalliet fil-port ta’ Salerno l-Italja u ma kienitx tghabbiet fuq il-bastiment. L-attur esebixxa wkoll ittra mibghuta lill-avukat difensur tieghu lis-socjeta’ konvenuta datata 20 ta’ Mejju 2004, fis-sens illi is-socjeta’ Grimaldi Naples kienet disposta thallsu is-somma ta’ mhux aktar minn tlett elef seba mija u tnax il-lira punt disgha u sebghin sterlina (£3,712.79).

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed Emanuel Portelli u qal illi huwa jahdem mas-socjeta’ konvenuta bhala operations manager u li kien jaf lill-attur bhala klijent tieghu bejn hames u sitt snin u anke iktar. Huwa xehed illi l-attur jimporta makkinarju second hand mill-Inghilterra u peress illi s-socjeta’ konvenuta topera servizz fil-gimgha minn Southampton l-Inghilterra, l-attur kien juza is-servizzi taghhom regolarment. Portelli xehed illi meta kien iccempillu l-attur u jghidlu li xtara xi ingenji, hu kien jaghmel l-arrangamenti tramite l-forwarder l-Inghilterra u ix-Shipping Line. L-attur kien jaghtih il-booking tal-merkanzija li kien ikun xtara bir-registration number peress illi hafna drabi kienu jkunu vetturi u ix-xhud kien jiehu hsieb ix-shipping. Huwa qal illi xogholu kien agent tal-linja u ma kellu l-ebda responsabbilita ghaliex imkien ma kien jidhol xi “commitment”. Portelli xehed illi kien jibghat lill-attur notice of arrival meta ix-xoghol ikun gej Malta. Dwar il-hlas meta ix-xoghol kien jigi Malta il-haddiema tal-port kienu ikejluh u l-attur kien ihalli cheque lix-xhud illi kien jistenna il-feedback minghand il-Port Workers. Din il-prassi kien ghazilha l-attur illi kien igiblu cheque wara li jircievi n-notice of arrival, fis-sens illi ix-xoghol ikun ser jasal l-ghada. Ix-xhud qal illi l-konsenja mertu ta’ din il-kawza kienet tikkonsisti f’zewg vetturi u xi spare parts Kienu infurmaw lill-attur bin-notice of arrival u qalulu li l-vapur kellu jasal Malta fit-28 ta’ Novembru 2003. Is-socjeta’ konvenuta kienet irceviet cheque, izda ma sarrfitux. Ma hargux invoice peress illi l-vapur baqa ma wasalx bil-merkanzija. Ix-xhud ftakar illi f’dan il-kaz l-attur kien mar ghand is-socjeta’ konvenuta bic-cheque u ha id-delivery order, u il-ftehim kien illi l-attur kellu jmur fejn kellu jirmonka l-vapur, ghaliex f’kaz ta’ oggetti second hand kien il-klijent stess li kien jmur biex ihott ix-xoghol. Fit-28 ta’ Novembru 2003, l-attur kien cempillu u qallu illi ma kienux sabu ix-xoghol u hu kien qallu li kien ser jiccekkja mat-transhipment port ta’ Salerno u irrizultalu illi x-xoghol kien baqa l-art Salerno u kellu jitghabba mal-vapur li jmiss. Il-vapur ta’ wara kellu jasal

il-gimgha ta’ wara, izda il-merkanzija baqghet ma gietx. L-attur kien rega mar ghand is-socjeta’ konvenuta, kienu cemplu Salerno u il-korrispondenti tax-xhud f’Salerno l-Italja bdew jithassbu fis-sens illi x-xoghol setgha intbaghat f’xi destinazzjoni ohra. Wara xi sitt xhur, il-merkanzija giet dikjarata mitlufa u xi zmien wara ix-xhud kien qal lill-attur sabiex jikteb permezz ta’ l-avukat tieghu. Huwa xehed illi l-attur qatt ma iffirma kuntratt mas-socjeta’ konvenuta.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed Emanuel Portelli, din id-darba permezz ta’ affidavit, u qal illi meta x-xoghol kien ikun gej minn Southampton lejn Malta it-tragitt kellu isir minn Southampton ghal Salerno l-Italja u sussegwentement il-merkanzija kienet titghabba fuq vapur iehor ta’ l-istess principal u cioe’ is-socjeta’ estera Atlantica S.p.A. di Navigazione, u kienet tingieb minn Salerno lejn Malta. Huwa xehed illi l-principali taghhom kienu infurmawhom illi l-merkanzija kienet ipprospettata li tasal Malta fit-28 ta’ Novembru 2003, u meta il-merkanzija ma waslitx, hu kien ikkomunika mal-Ufficju tal-Principal taghhom f’Salerno, izda dawn ma setghux jghidulu fejn kienet tinsab il-merkanzija. Hu kien izomm lill-attur infurmat bil-komunikazzjoni kollha illi kien ikollu mal-principali taghhom, u fl-assenza ta’ l-attur, kien jinforma lil huh John Sammut. Ix-xhud qal illi kienu talbu lill-attur u lill-avukat tieghu kemm bil-fomm, kif ukoll permezz ta’ korrispondenza, sabiex jibghatulhom id-dokumentazzjoni relattiva, umbaghad huma jghadduha lill-principali taghhom f’Napli. Il-merkanzija baqghet ma gietx Malta u il-principali tas-socjeta’ konvenuta kienu infurmawhom li l-merkanzija ma setghetx tigi rintraccata peress li ghaddew diversi xhur, u ai termini tal-polza ta’ karigu il-merkanzija giet ikkwalifikata bhala mitlufa. Ghalhekk f’isem il-principal taghhom, is-socjeta’ konvenuta kienet ghamlet offerta ta’ kumpens lill-attur, minghajr pregudizzju, fl-ammont ta’ tlett elef seba mija u tnax il-lira sterlina u disgha u sebghin cents (£3,712.79) u dan ai termini tal-kundizzjonijiet tal-polza ta’ karigu relattiva, partikolarment il-kundizzjonjiet enumerati 20 u 21, izda l-attur ma kienx accetta din l-offerta.

“Illi xehed ukoll Marco Spiteri, Direttur mas-socjeta’ konvenuta, u ikkonferma illi sa minn mindu giet registrata sal-lum, is-socjeta’ konvenuta Sullivan Maritime Limited la qatt kellha vapuri taghha u lanqas qatt ma garret merkanzija f’isimha, izda dejjem agixxiet unikament ghan-nom u fil-kapacita taghha ta’ agent tal-principal esteru Atlantica S.p.A di Navigazione. Huwa xehed illi ma kienx kellem lill-attur dwar dan il-kaz, izda kien jaf illi fl-ahhar tas-sena 2003 kien hemm problema, peress illi l-merkanzija li kien ordna l-attur ma kienitx waslet Malta u finalment il-principali taghhom kienu qalulhom illi din

ma setghetx tigi rintraccjata. Ghalhekk, fuq istruzzjonijiet tal-principali taghhom, kienu ghamlu offerta ghan-nom taghhom lill-attur skond il-limitazzjonijiet fil-polza ta’ karigu, izda l-attur ma kienx accetta din l-offerta.

“Illi l-Qorti rat ix-xhieda kollha li ingabret;

“Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti, il-provi illi gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi minkejja l-fatt illi l-partijiet inghataw il-fakulta jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet dan ma ghamluhx.

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti ser tikkunsidrat fl-ewwel lok ir-raba eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta fis-sens illi it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, stante illi it-talbiet tal-attur huma preskritti bit-terminu annwali tal-Hague Rules u tal-Inciz 6 Artikolu 111 tal-Iskeda tal-Att dwar il-Garr ta’ Merkanzija bil-Bahar, Kap. 140 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi l-paragrafu 6 ta’ l-Artikolu 111 tal-iskeda tal-Att dwar il-Garr ta’ Merkanzija bil-Bahar Kap. 140 jghid hekk :

> “In any event the carrier and the ship shall be discharged from all liability in respect of loss or damage unless suit is brought within one year after delivery of the goods or the date when the goods should have been delivered.”

“Illi l-merkanzija messha waslet Malta fit-28 ta’ Novembru 2003 (vide fol. 61 tal-process) u il-kawza giet ipprezentata mill-attur fit-30 ta’ Novembru 2004, jumejn wara l-gheluq tal-perjodu preskrittiv ta’ sena.

“Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana illi t-terminu ta’ tnax il-xahar imsemmi fil- paragrafu 6 ta’ l-Artikolu 111 tal-iskeda imsemmija, huwa terminu perentorju jew ta’ dekadenza. (Vide sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet The Cargo Handling Company Ltd. vs Messrs John Abela Limited tas-7 ta’ Lulju, 2003 u sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet ismijiet Dr. E. Fenech Adami noe vs Kurunell E. Gatt tat-23 ta’ Novembru 1970, kif ukoll sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Philip Bianchi nomine vs Albert Mizzi et noe tas-6 ta’ Marzu 1978.)

“Illi kif enuncjat fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet Giuseppe Sammut vs Notaro Edoardo Pellegrini Petit, Appell Civili, sentenza tas-16 ta’ Jannar 1920 (Vol XXIV pI p276):

> “quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e’ termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell’atto non sarebbe piu`ammissibile. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che assegna un termine per l’esperimento d’un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia I caratteri di questa, si trattera`di una decadenza”.

“Illi dan it-terminu ta’ sena stabbilit mill-Ligi huwa intiz sabiex jehles lill-carrier jew lill-agent tieghu minn kull riskju ta’ proceduri, u jekk l-azzjoni mit-terz ma ssirx fiz-zmien imsemmi ta’ tnax il-xahar, l-azzjoni ma tistax titressaq.

“Illi ghal dak illi jirrigwarda il-bill of lading l-awturi Chorley & Giles, fil-ktieb “Shipping Law” (8th. Edition – Pitman) jghidu hekk dwar il-bill of lading f’pagna 249 :

> “It should be noticed that the bill of lading is only evidence of the contract between shipowner and shipper, not the contract itself. Additional terms may be incorporated from the charterparty, from advertisements and similar notices, or even from moral evidence that they were agreed. Moreover, terms actually contained in the bill of lading may be varied orally, and such variations are enforceable. All this, however, applies only between the immeditate parties to the contract, carrier and shipper. Third parties, such as consignees or their assignees, who acquire rights by way of endorsement of the bills of lading, are entitled and required to assume that it contains within

> its four corners either all the terms of the contract or at any rate references to other documents where such terms may be found".

"Ikkunsidrat :

"Illi kif il-Qorti kellha diga okkazjoni illi tesprimi aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, fil-gurisprudenza nostrana it-terminu ta' tnax il-xahar huwa wiehed ta' dekadenza. Il-Qorti rat illi l-merkanzija in kwistjoni kellha tasal Malta fit-28 ta' Novembru 2003, izda l-attur ipprezenta il-kawza odjerna fit-30 ta' Novembru 2004, u cioe' jumejn wara illi skada it-terminu ta' dekadenza tal-Hague Rules u tal-inciz 6 Artikolu 111 tal-Iskeda tal-Att dwar il-garr ta' merkanzija bil-bahar, Kapitolu 140."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha

> "… … … tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru, 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Peter Sammut v. Sullivan Maritime Limited (Citazzjoni Numru. 928/2004AL)** in kwantu laqghet ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta appellata filwaqt li cahdet it-talbiet tal-attur appellant, u, in kwantu l-provi gew migbura kollha anke fuq il-mertu, jew tghaddi biex tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur appellant filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta appellata bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellata jew tirrimetti l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawza tigi deciza fuq il-mertu (u dan sabiex jibqa' konservat ghaz-zewg partijiet il-beneficcju tad-*doppio esame*) bl-ispejjez tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2010 u ta' dan l-appell kontra s-socjeta` konvenuta appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell intavolat mill-attur appellant ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta li l-attur xtara karozza u diversi partijiet ohra ghall-vetturi mill-Ingilterra u nkariga lis-socjeta` konvenuta tiehu hsieb it-trasport taghhom lejn Malta. Il-merkanzija kellha tasal Malta fit-28 ta' Novembru, 2003, izda baqghet ma waslet qatt hawn Malta. L-attur fittex ghad-danni, u s-socjeta` konvenuta, fir-raba' eccezzjoni taghha, eccepiet id-dekadenza tal-azzjoni ai terminu tal-paragrafu 6 tal-Artikolu III tal-iskeda tal-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar. Il-parti rilevanti ta' dan l-artikolu jipprovdi kif gej:

> "*F'kull kaz il-vettura u l-bastiment ikunu mehlusin minn kull responsabbilita` dwar telf jew hsara kemm-il darba ma ssirx kawza fi zmien sena mill-kunsinna tal-merkanzija jew mid-data meta l-merkanzija jkun imissha giet kunsinnata.*"

Ma hemmx diskordju bejn il-partijiet dwar l-applikabbilita` ta' dan l-Artikolu ghall-kaz. Jirrizulta, skont l-ewwel Qorti, illi l-merkanzija kien imissha tigi kunsinnata fit-28 ta' Novembru, 2003, izda l-kawza giet ipprezentata mill-attur

fit-30 ta’ Novembru, 2004, jumejn wara l-gheluq tal-perjodu preskrittiv ta’ sena, u l-Qorti, ghalhekk, iddikjarat l-azzjoni perenta u cahdet it-talba tal-attur.

L-attur appella mis-sentenza u ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza li sejrin jigu issa trattati minn din il-Qorti.

Bl-ewwel aggravju tieghu l-attur appellant jissottometti illi ghalkemm il-merkanzija, skont il-polza ta’ taghbija, kellha tasal Malta fit-28 ta’ Novembru, 2004, meta din ma waslitx fid-data indikata sar “ftehim” bejn iz-zewg partijiet li l-merkanzija kellha tingieb Malta fuq vapur iehor il-gimgha ta’ wara; anke dakinhar il-merkanzija ma waslitx Malta. Din il-Qorti ma taqbilx li dan l-arrangament kellu l-effett li jestendi t-terminu perentorju ta’ sena ghall-ftuh tal-kawza kif kontemplat fl-imsemmi paragrafu 6. Il-merkanzija kellha tasal Malta fit-28 ta’ Novembru, 2003, u ghalkemm kien jigi sperat li dik il-merkanzija xi darba tasal Malta, tant li l-attur stess jammetti li dam jistenniha “diversi xhur”, jibqa’ l-fatt li skont il-polza ta’ taghbija l-merkanzija kien imissha giet kunsinnata fit-28 ta’ Novembru, 2003. Hija l-polza ta’ taghbija li stabbilixxiet b’certezza d-data li fiha l-merkanzija ghandha tigi kunsinnata lir-ricevitur, u hija ma’ dik id-data li l-ligi torbot. Il-hwejjeg marbuta mal-kummerc iridu jkunu cari u determinati, u ma jhallux lok ghall-ambigwita`, u meta l-ligi qed tirreferi ghad-data meta l-merkanzija kien “imissha giet kunsinnata”, qed tirreferi ghad-data meta l-istess, skont il-polza, kellha tigi kunsinnata. Il-fatt li l-partijiet kienu

qeghdin jisperaw li l-merkanzija tigi rintraccata u f'dak il-kaz, sussegwentement konsenjata, ma jwassalx ghall-bidla fid-data ta' meta l-merkanzija kien imissha giet kunsinnata. Id-data tal-konsenja hija wahda, u l-kawza kellha tigi pprezentata fi zmien sena minn dik id-data.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, tajjeb li jigi ribadit li t-terminu ta' sena indikat hu wiehed ta' dekadenza, u dan hu hekk ghax il-ligi qed timponi dan it-terminu biex issir il-kawza. Kif intqal minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **The Cargo Handling Co. Ltd. v. Messers John Abela Ltd.**, deciza fis-7 ta' Lulju 2003.

> "*Kif enuncjat fid-decizjoni fl-ismijiet **Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit**, Appell Civili, 16 ta' Jannar 1920 (Vol XXIV pl p276): "quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera` di una decadenza.*"

Darba hu hekk, dan it-terminu ma jistax jigi interrot, u t-terminu jista' jintrebah biss bil-prezentata tal-kawza fiz-zmien utili. Ovvjament, jekk id-debitur tal-obbligazzjoni jkun irrikonoxxa d-debitu, il-kreditur ikun jista' jimxi a bazi ta' dik l-accettazzjoni bhala sinifikanti ta' "ftehim" gdid mahluq mill-accettazzjoni tad-dejn. Irid, fi kliem iehor, jirrizulta car u minghajr ekwivoku li d-debitur accetta r-responsabbilita tieghu, b'mod li l-azzjoni tal-kreditur tkun tista' tirnexxi anke a

bazi biss ta' dik l-ammissjoni. Altrimenti, skadut it-terminu ghall-azzjoni, dak it-terminu "*non e`, come nel caso di prescrizione, rinnovabile per interruzione*" (Kollez. Vol. VII pagna 526).

F'dan il-kaz, ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta accettat ir-responsabbilita` ghan-nuqqas riskontrat. Il-fatt li saret offerta bla pregudizzju, ma jfissirx li dik is-socjeta` accettat ir-responsabbilita`, b'mod li inholoq "kuntratt" enforzabbli, tant li l-attur, b'din l-azzjoni, mhux qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegata accettazzjoni ta' responsabbilita`, izda fuq in-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-kuntratt ta' garr ta' merkanzija, u din l-azzjoni tkun valida jekk tinfetah fi zmien sena minn meta l-merkanzija kien imissha giet kunsinnata, u ebda interruzzjoni ta' dan it-terminu ma hu koncess.

It-terminu ta' dekadenza, kif jghallem il-Giorgi ("Teoria delle Obbligazioni Vol. VIII para. 225), "*colpiscono il diritto piu` che l'azione*", u ma humiex soggetti ghar-regoli tal-preskrizzjoni, la ghal dawk relatati mal-interruzzjoni u lanqas tas-sospensjoni. Huwa biss meta l-agir tad-debitur jista' jitqies bhala holqien ta' dritt gdid, li dak li jkun jista' jagixxi wara t-terminu prefiss. Tali accettazzjoni jew rikonoxximent irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat – ara **Zarb v. Mira Motors Sales Ltd.**, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Dicembru, 2005.

F’dan il-kaz, ma jirrizultawx dawn ic-cirkostanzi. Lanqas ma jista’ jinghad li t-tielet eccezzjoni konvenuta hija inkompatibbli mal-eccezzjoni ta’ dekadenza. Kif inghad, ir-regoli ta’ preskrizzjoni m’humiex f’kull kaz applikabbli ghat-terminu ta’ dekadenza, u l-fatt li s-socjeta` konvenuta tinvoka, ghal li jista’ jkun, il-limitazzjoni ta’ responsabbilita` kif stipulata fil-kuntratt ta’ garr miftiehem bejn iz-zewg partijiet, la jfisser rinunzja ghall-perjodu ta’ dekadenza (haga li m’hijiex possibbli), u lanqas ma jwaqqa’ t-terminu perentorju iffissat mil-ligi ghall-proponiment tal-azzjoni.

Ghal bqija, jirrizulta li din il-kawza infethet gheluq is-sena minn meta l-merkanzija kellha tigi kunsinnata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attur appellant.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------